MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 292/2013/1

**Waterline Limited**

**v.**

**SJ Catering Limited gja` Idea Workmate Limited u John Bugeja**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta` Waterline Limited pprezentat fid-29 ta' Awwissu 2013 li permezz tieghu hija talbet li s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Lulju 2013 u li minnha gie intavolat appell mis-socjeta` konvenuta SJ Catering Limited u l-konvenut Bugeja, tigi

dikjarata provizorjament esegwibbli a tenur tal-Artiklu 266 (7) tal-Kodici tal-Procedura Civili.

Dan l-artikolu jghid illi *"l-Qorti ghandha tiddikjara li s-sentenza tkun esegwibbli provizzorjament jekk tkun sodisfatta illi d-dewmien fl-esekuzzjoni tas-sentenza jkun sejjer aktar jikkaguna pregudizzju akbar lill-parti li titlob id-dikjarazzjoni skond is-subartikolu (1) milli dik l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja."*

Il-konvenuti naturalment qed jopponu ghal din it-talba. Bazikament l-argument taghhom huwa li jisthoqqilhom ghall-inqas jinghataw cans ihallsu tramite 'l hekk imsejjha purgazzjoni tad-dewmien.

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma dawn; l-atturi istitwew il-kawza biex tigi rizolta koncessjoni sub enfitewtika bejn il-partijiet minhabba nuqqas ta' hlas tal-kanone. Irrizulta lill-Qorti li l-konvenuti kienu moruzi ghal circa mija u sittin elf Euro (€160,000) ghal hlas tal-kanone oltre aktar minn hamsa u hamsin elf Euro (€55,000) ghal kontijiet ghad-dawl u ilma. Ic-cens annwu huwa ta' circa hamsa u hamsin elf Euro (€55,000) u allura hemm circa tliet (3) snin hlasijiet lura. Il-Qorti, tenut kont tal-ammonti kbar dovuti u n-nuqqas tal-konvenuti, irrifjutat li taghti lill-istess konvenuti cans li jhallsu u b'hekk jevitaw li tigi dikjarata mitmuma l-koncessjoni.

L-atturi rikorrenti jikkoncedu li din hija procedura eccezzjonali izda jargumentaw li fis-sitwazzjoni ezistenti ma jkunx gust li l-konvenuti jibqghu jokkupaw il-fond inkwistjoni meta hemm arretrati konsiderevoli u huma stess tenuti jhallsu circa hamsa u tletin elf Euro (€35,000) fis-sena lid-direttarji; b'hekk qed jargumentaw li aktar dewmien se jikkaguna hafna aktar hsara lilhom milli lill-parti sokkombenti anke jekk eventwalment jintlaqa' l-appell taghhom li pero` huma qed isostnu li huwa frivolu u vessatorju.

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijet **Yolanda Formosa v. Maggur Frank Formosa**, deciza fl-10 ta' Gunju 1964 qalet illi *"il-Qorti ma ghandha quddiemha*

*ebda presunzjoni li s sentenzi bhala regola ma jistghux jigu esegwiti jew xi desideratum f'dan is-sens, ghaliex sentenza tal-ewwel grad, ghalkemm mhix gudikat hija dejjem konkluzjoni tal-Qorti fuq il-kaz u tiswa aktar minn semplici argument. Kieku ma kienx hekk ma kinitx tinkiteb id-disposizzjoni in kwistjoni. Il-ligi … tghid biss li s sentenzi li ma ghaddewx in gudikat mhumiex minnhom infushom esegwibbli u jirrikjedu dikjarazzjoni specjali biex ikunu esegwibbli imma fejn il-Qorti tkun sodisfatta li hemm aktar pregudizzju jekk is-sentenza ma tigix esegwita allura s-sentenza tal-ewwel grad issir ekwipollenti ghal wahda finali salv li fl-ewwel kaz l-esegwibilita` tkun provizorja u fit-tieni kaz tkun defínttiva."*

Din il-Qorti ma ghandiex dubbju li f'dan il-kaz, minhabba r-ragunijiet fuq espressi mill-atturi, ghandha tilqa' t-talba taghhom; l-ewwel Qorti dehrilha li l-ammont dovut huwa kbir wisq biex takkorda l-purgazzjoni msemmija; anzi jidher li avolja ghaddew aktar minn tliet (3) xhur minn meta giet deciza l-kawza fl-ewwel istanza, ma sar ebda tentattiv biex isir xi hlas. L-atturi qed isofru mill-fatt li huma jkollhom ihallsu somma konsiderevoli bhala *kanone* u jidher accertat illi n-negozju mill-post inkwistjoni ilu wieqaf bosta xhur u l-fond qed jinzamm maghluq. Ghalhekk ma jkunx hemm wisq pregudizzju jekk jigi ritornat lill-atturi. Naturalment dan salv il-gudizzju finali ta' din il-Qorti fir-rigward specjalment tal-ammonti attwalment dovuti li gew kontestati permezz tar-rikors tal-appell.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament ghall-ordni ta' zgumbrament u tiddikjara s-sentenza tad-9 ta' Lulju 2013 fl-ismijiet premessi bhala provizorjament esegwibbli fis-sens li inghad.

L-ispejjez ta' din il-procedura, peress li hu naturali ghal parti sokkombenti li topponi – altrimenti tippregudika serjament l-appell taghha - jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------